# MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ŻGĦAR

## ĠUDIKATUR
## DR. ANNA MALLIA

**Seduta tat-02 ta' Gunju, 2017**

**Talba numru 105/2016 AM3**

**Lista Numru: 20**

**Vodafone Malta Limited (C10865)**

**Skyparks Business Centre,**

**Malta International Airport,**

**Luqa**

**Vs**

**Dr Victor J. Bugeja, LL.D. li gie nominat b'digriet ta' dan it-Tribunal bhala kuratur Deputat tal-assenti Littlejohn Kyle ( u dan skont il-verbal tal-14 ta' Ottubru, 2016)**

It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-Talba tas-Socjeta' attrici li permezz taghha s-Socjeta' attrici talbet minghand il-konvenuta s-somma ta' elf mija tmienja u tmenin ewro u tlieta u disghin centezmu (€1,188.93c) dovuta kwantu ghas-servizzi u prodotti provduti lill-istess

intimati abbazi tat-tariffa Smartphone 95 Passport 2G referribli ghal kont bin-numru 1.1097914.

Ra l-affidavit ta' Dr Jeremy Debono in rapprezentanza tas-Socjeta' attrici prezentat kontestwalment mal-Avviz tat-Talba li permezz tieghu kkonferma u spjega li l-ammont ghadu dovut.

Ra d-dokumenti esebiti minn l-istess Socjeta' attrici annessi mal-Avviz tat-Talba.

Ra li l-Avukat Dr Victor Bugeja gie nominat kuratur biex jirraprezenta lill-assenti Kyle Littlejohn u li l-istess Dr Victor Bugeja gie notifikat bl-avviz tat-talba.

Ra r-risposta tal-istess kuratur Dr Victor Bugeja li permezz taghha eccepixxa li huwa mhux edott mil-fatti tal-kawza u qed jirrizerva li jressaq eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.

Ra x-xhieda ta' Connie Soyanova in rapprezentanza tas-Socjeta' attrici.

Ra d-dokumenti kollha esebiti.

Ra li l-konvenut noe ma prezenta ebda provi u l-verbal ta' dan it-Tribunal li permezz tieghu fis-seduta tad-19 ta' Mejju 2017 ddikjara l-provi maghluqa.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba tas-Socjeta' attrici u jikkundanna lil konvenut sabiex ihallas lis-Socjeta' attrici s-somma ta' elf mija tmienja u tmenin ewro u tlieta u disghin centezmu (€1,188.93c) bl-imghax legali mid-data ta' meta l-ammont reklamat sar dovut sad-data tal-pagament effettiv tal-istess ammont kontra l-konvenut.

Bl-ispejjez inkluza dik tal-ittra ufficjali kontra l-istess konvenut.

**Dr Anna Mallia**

**Gudikant**